**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tal-31 ta' Jannar 2019**

**RIKORS NRU: 98/18SG**

**ALEXANDER VALENZIA**
**VS**
**INGRID VALENZIA U ZACK VALENZIA**

## Il-Qorti,

Rat l-avviz li permezz tieghu, l-attur talab lil din il-Qorti sabiex tordna lill-intimati jhallsuh is-somma komplessiva ta' hdax-il elf u ghoxrin Ewro (EUR 11,020) rapprezentanti manteniment zejjed imhallas minnu lill-intimati jew min minnhom, a beneficcju ta' Zack Valenzia meta l-istess Zack Valenzia ma kienx intitolat ghalih stante li ma baqax jissodisfa l-kondizzjonijiet tad-Digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-30 ta' Mejju 2013 u dan billi l-istess Zack Valenzia f' Gunju 2015 waqaf milli jsegwi kors ta' studju full-time.

Bl-ispejjez kif ukoll bl-imghax bl-oghla rata permessibbli bil-ligi mid-data tal-prezenti sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll bl-ispejjez tal-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppezentat kontestwalment mal-prezenti.

Rat ir-risposta ta' Ingrid Valenzia u Zack Valenzia tat-18 ta' Mejju 2018 fejn irrispondew ghal din il-kawza billi eccepew bir-rispett:

i. ***"Illi preliminarjament ai termini tal-Art 22(1) tal-Kap 16 min ikun ta l-manteniment m' ghandux jedd jitlob ir-radd ta' dak il-manteniment li jkun ta wara li tkun spiccat ir-raguni li ghaliha kien obbligat***

***ghall-manteniment, u ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma insostenibbli u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih.***

ii. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, din il-Qorti m' hiex kompetenti sabiex tisma' pretensjonijiet marbuta ma' manteniment dovut lill-ulied ladarba din hi kwestjoni li taqa' fil-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).*

iii. *Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghat-tieni eccezzjoni, bejn il-partijiet hemm kawza ta' separazzjoni, li tinkludi talbiet ghall-manteniment ghal Zack Valenzia u cioe' r-rikors numru 104/2009 RGM pendent quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li hija differita ghas-6 ta' Gunju 2018 u ghaldaqstant hemm lok ghas-soprasessjoni ta' din il-kawza;*

iv. *Illi preliminarjament ukoll jekk ir-rikorrenti deherlu li kellu jikkontesta l-hlas tal-manteniment li kien obbligat li jhallas, kellu allura f' dak l-istadju jaghmel il-proceduri apoziti ai termini ta' l-Art 54(9) tal-Kap 16 u mhux jibqa' jhallas il-manteniment biex imbaghad jitlob lura l-hlas li sar minnu u jippretendi li din il-Qorti taghtih widen.*

v. *Illi f' kull kaz jigi rilevat illi Zack Valenzia li llum ghandu tlieta u ghoxrin sena, jbaghti mill-kundizzjonijiet spina bifida u kif ukoll ta' hydrocephalus li huma kundizzjonijiet li jsarrfu f' dizabilita' serja fizika permanenti li tillimita l-persuna milli tippartecipa b' mod shih u effettiv fis-socjeta' ai termini ta' l-Art 2 tal-kap 413. Dan ifisser li ai termini tal-Art 3B tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta hemm l-obbligu tal-manteniment fuq ir-rikorrenti nnifsu li jkompli jhallas l-manteniment ghal ibnu, liema obbligu m' huwiex cirkoskritt bl-eta' u l-uniku fattur determinant jkun it-test impost mil-Ligi tal-possibilita' tal-wild li jmantni lilu nnifsu. Tant hu hekk illi l-Perit Legali imqabbad fil-kawza 104/2009 RGM, Dr Keith Borg diga' fir-rapport minnu espletat dwar il-kawza precitata ta' separazzjoni kien diga' ddetermina illi Ma hemmx assolutament ebda dubju li Zack Valenzia huwa affett minn dizabilita', liema dizabilita' taqa' taht id-definizzjoni fuq riportata. Lanqas ma hemm provi fl-atti li juru li huwa ragonevolment possibbli li l-istess Zack Valenzia jmantni lilu nnifsu. Iben il-kontendenti li jghix flimkien ma' ommu l-attrici huwa ghalhekk intitolat li jircievi manteniment minghand il-konvenut. Dwar il-quantum tal-manteniment, l-istess Perit Legali ddetermina li r-retta alimentari li r-rikorrenti ghandu jhallas versu l-htijiet ta' Zack Valenzia ghandu jkun fis-somma ta' EUR 350 fix-xahar li ghandu jmur ukoll versu l-ispejjez medici ta' natura ordinarja tieghu. Ghalhekk certament m' hemm l-ebda manteniment li ghandu x' jithallas b' lura, anzi jekk xejn ir-rikorrent ghandu jhallas manteniment u mhux jithallas lura tieghu.*

vi. *F' kull kaz l-ebda ammont m' hu dovut.*

*Salvi eccezzjonijiet ohrajn permissibbli skond il-ligi."*

Rat illi din il-kawza giet differita sabiex jigu decizi t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati.

Semghet trattazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti sejra tibda billi tiddeciedi dwar it-tieni eccezzjoni mressqa. Din tikkonsisti f' eccezzjoni fejn qed jigi eccepiet li din il-Qorti m' hiex kompetenti sabiex tisma' pretensjonijiet marbuta ma' manteniment dovut lill-ulied ladarba din hi kwistjoni li taqa' fil-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

It-talba tar-rikorrenti tikkonsisti f' talba li l-attur jigi mhallas ammont ta' manteniment zejjed li hallas a beneficcju ta' Zack Valenzia meta l-istess Zack Valenzia ma kienx intitolat ghalih. Mill-provi prodotti jirrizulta li permezz ta' digriet moghti fit-30 ta' Mejju 2013 il_Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat li minkejja li Zack Valenzia ghalaq it-tmintax-il sena, huwa ghandu jibqa' jircievi l-manteniment sakemm huwa jkompli jirrissjedui ma' ommu u jsegwi kors ta' studju full time u sakemm jaghlaq tlieta u ghoxrin sena. Dan id-digriet kellu jibda japplika mill-25 ta' Jannar 2013.

Fis-16 ta' Novembru 2017, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat digriet iehor fejn ssospendiet b' mod immejdat il-manteniment pagabbli mill-konvenut fir-rigward ta' Zack Valenzia.

F' din il-kawza, l-attur qed jirreklama l-hlas lura ta' dak il-manteniment li hallas fi zmien meta Zack Valenzia ma baqax isegwi kors ta' studju full time u dan in vista tad-digrieti moghtija fit-30 ta' Mejju 2013 li kien jaghmilha cara li l-manteniment kien dovut fost kundizzjonijiet ohra sakemm Zack Valenzia jkun isegwi kors ta' studju full time u tad-digriet tas-16 ta' Novembru 2017 li ssospenda b' mod immedjat il-manteniment in vista tad-dikjarazzjoni maghmula f' dik l-istess data li Zack Valenzia ma ghadux isegwi l-kors ta' studju full time. Skont ir-rikorrenti, din l-azzjoni hija wahda abbazi ta' l-artikolu 1028A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn qed issir talba ghal hlas lura ta' ammonti li gew imhallsa, meta allegatament Zack Valenzia ma kienx intitolat ghal tali hlas.

L-Avviz Legali 397/2003 kif emendat b'dawk numru 9/2004, 181/2006 u 186/2006, jispecifika d-diversi kompetenzi fi hdan il-Qorti Civili. Ir-regolament 4

meta jitkellem dwar il-kompetenza tal-Qorti tal-Familja jghid illi ghandhom jigi assenjati lil din il-Qorti fost affarijiet ohra kwistjonijiet li jidhru taht Titolu I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap. 16). It-Titolu I jitkellem dwar drittijiet u obbligazzjonijiet naxxenti miz-zwieg, manteniment tal-axxendenti u dixxendenti u separazzjoni personali cioe r-ragunijiet, modalita ta' separazzjoni w effetti fuq il-koppja, l-ulied u l-patrimonju inkluz is-successjoni.

Fl-iskeda tal-istess Avviz Legali, klawsola 9 taqra hekk:
*9. (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti:*
*(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom; jew*
*(b) manteniment bejn il-konjugi; jew*
*(c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali; jew*
*(d) tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament;*
*dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond m'hemm f'dik id-diposizzjoni.*
*(2) Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet talparagrafu 3 tar-regolament 4.*

Il-Qorti taghmilha cara li ma jfissirx illi kull vertenza semplicement ghax hi vertenza bejn il-koppja bil-fors tmur quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) hi vestita b'kompetenza specifika limitata u hi l-Qorti Civili Prim'Awla jew il-Qorti tal-Magistrati (Malta) li huma vestiti bil-kompetenza li jisimghu l-kawzi kollha li ma jaqghux fil-parametri specifici tal-Qorti tal-Familja, jew il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja.

Meta din il-Qorti thares lejn it-talba attrici, tqies li din tirrigwarda vertenza ta' separazzjoni in corso li bla dubbju tinkwadra ruhha fil-poteri u mansjonijiet tal-Qorti tal-Familja. Fil-kaz odjern, l-attur qed jitlob hlas lura ta'manteniment li thallas minnu ai termini tad-digriet moghti fit-30 ta' Mejju 2013. Huwa qed jattakka l-hlas ta' manteniment li kien gie mhallas u dan abbazi tal-fatt li fis-16 ta' Novembru 2017, il-Qorti tal-Familja ssospendiet il-hlas ta' manteniment.

F'kazijiet li jittrattaw dwar rimbors da parti ta' wiehed mill-konjugi kontra l-konjugi l-iehor ta' spejjez inkorsi minn wiehed mill-konjugi ghal minuri, spejjez kawtelati f'kuntratt

ta' separazzjoni bejn il-konjugi, il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza **Anne Marie Galea Naudi vs Juan Carlos Galea Naudi** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 qalet hekk:

*Oggettivament, it-talba attrici ma tintroducix fil-process ebda tema li ghandha kollegament ma' xi kwestjoni ta' separazzjoni li ghadha in corso, bhal ma hekk kien il-kaz deciz minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2005 in re: "Agostino Farrugia -vs- Salvina Farrugia", u fejn allura l-Qorti ddeterminat, in bazi ghac-cirkostanzi specjali ta' dak l-istess kaz, illi kien aktar adattat illi l-materja tkun skrutinata u deciza mill-Qorti tal-Familja. Hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn s-separazzjoni, konsenswalment maqbula, kienet gja definita u dak li kien qed jintalab blazzjoni intentata kien biss u sempliciment l-ottemperanza ta' l-obbligu kontrattwali assunt mill-konvenut tal-hlas ta' nofs l-ispiza inkorsa. Fil-prattika jigri dejjem, sija fil-presenza ta' gudikat jew ta' kuntratt ta' separazzjoni, illi parti tfittex lill-parti l-ohra biex din tonora l-obbligazzjonijiet, imposti jew assunti. Ghal dan, il-parti ma tmurx quddiem il-Qorti tal-Familja, ammenokke non si tratta minn domanda ghal varjazzjoni jew kancellament ta' dawk l-istess obbligazzjonijiet, izda quddiem il-foro idoneju skond il-materja jew il-valur tat-talba. Hu proprju dan li fil-konkret jaghmel il-kollegament max-xelta tal-foro kompetenti. Fil-kaz prezenti l-foro esklussiv kien itTribunal u mhux xi Qorti ohra."*

Din il-Qorti tqies li d-digriet tas-16 ta' Novembru 2017 jsemmi biss li l-manteniment gie sospiz. Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma dahlitx fi kwistjoni dwar jekk il-manteniment li lahaq thallas kellux jigi rifuz lura lil missier Zack Valenzia. Fl-ebda hin ma gie msemmi li d-digriet tal-manteniment qed jigi revokat. Li ordnat il-qorti kien li l-manteniment jigi sospiz b' mod immedjat.

Il-Qorti tqies li dak li qed jipprova jaghmel l-attur huwa li qed jipprova jottjeni hlas lura ta' manteniment li effettivament gie ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Familja) u dan abbazi ta' digriet li ssospenda l-kontinwazzjoni tal-hlas ta' manteniment mis-16 ta' Novembru 2017 'il quddiem.

L-ezami ta' jekk kienx hemm hlas ta' manteniment allegatament zejjed mhallas mill-attur, mhuwiex fil-kompetenza ta' din il-Qorti. Ma rrizultax li inghata digriet fejn il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ordnat lil omm Zack Valenzia jew lil Zack Valenzia jew lil entrambi biex ihallsu lura l-manteniment li thallas ghaz-zmien li Zack Valenzia ma baqax isegwi kors ta' studju full time. Ma rrizultax li kien hemm digriet li rrevoka l-ordni precedenti tat-30 ta' Mejju 2013 sabiex jithallas manteniment lil Zack Valenzia taht diversi pattijiet u kundizzjonijiet. Lanqas ma kien hemm digriet fis-sens li s-sosepensjoni kellha tibda titqies li tapplika mid-data li fiha Zack Valenzia waqaf isegwi l-kors ta' studju full time.

Il-qorti hi tal-fehma li hija ma ghandha l-ebda jedd tiddeciedi l-mertu ta' din il-kawza. Din hija materja li taqa' fil-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

Meta gie mhallas il-manteniment mill-attur odjern, dan sar ai termini ta' digriet mahrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Huwa minnu li dak id-digriet gie varjat in vista li nghata digriet iehor fis-16 ta' Novembru 2017 fejn gie sospiz il-hlas ta' manteniment. Il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ssospendiet biss il-hlas ta' manteniment izda ma rrevokatx dan il-hlas. Il-fatt li l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ssospendiet il-hlas ta' manteniment ma jfissirx li l-manteniment li gie mhallas fil-frattemp gie mhallas b' mod indebitu u li l-attur odjern ghandu d-dritt li jigi rifuz. Din il-materja ghandha taraha l-qorti tal-familja li quddiemha jkun qieghed jinstema' l-kaz ta' separazzjoni. Fil-kaz in ezami rrizulta li l-hlas li jippretendi l-konvenut jirreferi ghall-perjodu meta l-kaz kien diga' quddiem il-qorti tal-familja. Fi kwistjonijiet bhal dawn l-affarijiet ma jistghux jigu trattati b'mod izolat imma hemm bzonn li jigi kkunsidrat l-ispektrum shih, u dan jista' jsir biss quddiem il-qorti tal-familja.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-materja hija ope legis kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fil-kawza deciza fid-9 ta' Frar, 2005 fl-ismijiet **Agostino sive Austin Farrugia vs Salvina sive Sally Farrugia,** *"Hu ferm perikoluz li wiehed jikkonsidra l-kwestjoni sempliciter u b' mod aridu, minghajr id-dovuta attenzjoni ghall-fatt li hawn si tratta ta' cirkustanzi specjali u delikati li jkun ahjar li jigu trattati u epurati mit-tribunal specjalizzat li hi l-Qorti tal-Familja."*

Din il-Qorti ma tarax li tista' taccetta bhala proposizzjoni gusta u korretta illi kwistjoni ta' din in-natura tigi avvanzata quddiemha u mhux fl-istess azzjoni tas-separazzjoni. Il-materja ta' dan il-kaz odjern ma tistax tigi ttrattata izolatament, hekk kif qed jittenta jaghmel ir-rikorrenti. Din hija materja li min-natura stess taghha, kif gja rilevat, ikun aktar xieraq, in
kwantu tipprezenta aspetti guridici partikulari, li tibqa' fl-isfera ta' gurisdizzjoni tal-qorti adita mill-kawza tas-separazzjoni biex proprju hemm tigi ezawrjentement diskussa u deciza.

Ghaldaqstant, in vista li din il-Qorti sejra tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimati, hija mhijiex ser tghaddi biex tezamina t-tielet eccezzjoni ta' l-intimati.

**DECIDE**

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi ghal ragunijiet hawn fuq esposti tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' l-intimati u tiddeciedi**

**li minhabba n-natura tal-materja nvoluta u tal-procedura ta' separazzjoni bin-numru ta' referenza 104/2009 RGM pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), din il-Qorti mhijiex il-forum kompetenti biex tiehu konjizzjoni tat-talba avvanzata mill-attur.**

**Il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eccezzjoni.**

**L-ispejjez kollha ta' dan il-kaz ghandhom jigu sopportati mill-attur.**

| | |
|---|---|
| **Dr Simone Grech** | **Karen Falzon** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |